# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

8 ta' Lulju, 2009

**Minuti tal-laqgha b'urgenza 30 (05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha b'urgenza numru 30 (05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar il-Hamis 25 ta' Gunju, 2009 fis- 6:00 ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall – Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Is-Sur Ivan Peresso – Kunsillier kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Ippresieda l-laqgha s-Sur John Boxall, Sindku.

**Talba**

Is-Sindku qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera prezenti li din il-laqgha ssejhet b'urgenza sabiex jigi pprezentat ir-rapport finanzjarju mahrug mill-awdituri tal-Kunsill BDO Ltd ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April, 2008 u l-31 ta' Marzu, 2009, sabiex jigu approvati u jintbghat ir-rapport lill-awditur generali kif stipulat bil-ligi sat-30 ta' Gunju, 2009.

Hawnhekk, is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex taghti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport. Is-Sinjorina Bonello, nfurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni finanzjarja hazina li dan il-Kunsill

jinsab fiha, kif ukoll tat spjegazzjoni ta' l-infieq u d-dhul ta' l-istess Kunsill, kif ukoll x'setgha wassal lill-Kunsill f'din is-sitwazzjoni.

Wara d-diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova dan ir-rapport finanzjarju, l-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ipprezenta kopja tal-Management Letter mibghuta mill-awditur tal-Kunsill Lokali tal-Birgu s-Sur Raymond Bonello mill-Kumpanija BDO Attard Buttigieg Psaila & Co dwar l-audit tas-sena finanzjarja sal-31 ta' Marzu, 2009, liema kummenti gew innutati u ser jigu rrisponduti fl-iqsar zmien possibli.

Il-Laqgha ntemmet fi 7:30 ta' filghaxija

| | | |
|---|---|---|
| Christine Bonello | kkonfermati | John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | | Sindku |